

# *Dawl u Mħabba fid-dalma*

## NIĊĊELEBRAW FI DJARNA
## **IR-RABA' ĦADD TAL-GĦID**

### *Ir-Ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu in-nagħaġ jagħrfuh u jisimgħu leħnu* (Ġw 10:11-18)

**Din ir-riżorsa tħejjiet mill-Karmelitani tal-Awstralja u Timor-Leste fi żmien li fih ma nistgħux ninġabru kif nagħmlu s-soltu biex niċċelebraw l-Ewkaristija. Aħna konxji li Kristu hu preżenti mhux biss fis-Sagrament Imqaddes imma wkoll fi qlubna. Anki meta nkunu waħidna nibqgħu nagħmlu parti mill-Ġisem ta' Kristu.**

**Fil-kamra li tagħżel li tuża għal dan it-talb tista' tqiegħed xemgħa mixgħula, Kurċifiss u l-Bibbja. Dawn is-simboli jgħinuna nżommu f'moħħna l-qdusija tal-ħin tat-talb tagħna u jistgħu jgħinuna nħossuna magħquda mal-komunitajiet ta' fidi tagħna.**

**Dan it-test hu mqassam f'partijiet għal min imexxi u għal kulħadd biex jitlob, imma l-partijiet ta' min imexxi wkoll jistgħu jinqasmu bejn dawk preżenti.**

**Int u tuża din it-talba kun af li aħna l-Karmelitani fit-talb tagħna se nkunu qed niftakru fil-membri kollha tal-familja tagħna f'dan iż-żmien.**

Produzzjoni ta' Carmelite Communications għal
**Il-Karmelitani tal-Awstralja u Timor-Leste**
www.carmelites.org.au
@carmelitesAET

# NIĊĊELEBRAW FI DJARNA

# IR-RABA' ĦADD TAL-GĦID

## Sinjal tas-Salib

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben
u tal-Ispirtu s-Santu.
**Amen.**

Il-Mulej jinsab hawn, preżenti fostna.
**Aħna miġbura mal-Knisja kollha**
**għal dan il-mument ta' talb.**

## Inħejju biex nisimgħu l-Kelma ta' Alla

Mulej Ġesù, inti r-Ragħaj it-Tajjeb,

**li tmexxina għall-ħajja ta' dejjem.**

Int issejħilna wieħed wieħed u waħda waħda b'isimna.
**Ħa nħossuk dejjem qrib tagħna.**

Hekk kif issejħilna biex nimxu warajk
**għinna nwieġbu b'qalbna kollha.**

Kristu Rxoxt,
kun int ir-Ragħaj tagħna fil-vjaġġ ta' ħajjitna,
**biex nistgħu nkunu ragħajja tajba għal xulxin.**
**Amen.**

## Qari mill-Iskrittura (Ġwanni 10:11-18)

F'dak iż-żmien, Ġesù qal: "Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. Il-mikri, li mhuwiex ir-ragħaj, u li n-nagħaġ mhumiex tiegħu, jara l-lupu ġej, u jħalli n-nagħaġ u jaħrab; u l-lupu jaħtafhom u jxerridhom. Mikri hu, u ma jħabbilx rasu min-nagħaġ.

Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili, bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti. Għandi wkoll nagħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed. Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri".

## Riflessjoni – *Ġesù, ir-Ragħaj veru*

Ir-Raba' Ħadd tal-Għid spiss jissejjaħ "Ħadd ir-Ragħaj it-Tajjeb", għax ikun xi jkun iċ-ċiklu li nkunu fih, il-Vanġelu dejjem jiffoka fuq ix-xbieha ta' Ġesù bħala r-Ragħaj it-Tajjeb.

Din is-sena, il-qari tal-Vanġelu jitkellem dwar Ġesù bħala ragħaj veru lest li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. Mhuwiex bħall-mikri li jaħrab meta jara l-periklu ġej. Hu jagħraf lin-nagħaġ tiegħu u jum wieħed għad jiġborhom kollha f'merħla waħda.

Ġesù jimxi magħna bħal Ragħaj tajjeb: jitmagħna, irejjaqna, iħarisna u jagħti wkoll ħajtu għalina. Ir-Ragħaj it-Tajjeb tagħna ħsiebu ħafna fina, il-merħla, u hemm sens kbir ta' intimità fl-għarfien li Ġesù jaf lil kull wieħed u waħda minna. Bħal ragħaj tajjeb Ġesù hu l-għajn tal-ħajja, is-sosteniment u s-sigurtà għan-nagħaġ.

Kull riflessjoni dwar Ġesù bħala r-Ragħaj it-Tajjeb isservi wkoll biex tfakkarna li, li nkunu ragħajja ta' xulxin f'isem Ġesù hi parti mill-vokazzjoni ta' kull dixxiplu. Aħna mdorrijin ħafna naħsbu dwar Ġesù bħala r-Ragħaj it-Tajjeb, imma hemm bżonn naħsbu wkoll li nkunu/insiru ragħajja tajbin għal xulxin.

Waħda mill-ħwejjeġ inkuraġġanti ħafna dwar dawn il-jiem ibsin hi l-għadd ta' nies li saru ragħajja tajba għal xulxin, u pprovdew ħarsien u sigurtà għal persuni vulnerabbli, issapportjaw il-ħaddiema tas-saħħa, ipprovdew ikliet u kumpanija.

Hekk ifisser li nagħtu ħajjitna għal xulxin.

## Talbiet ta' interċessjoni

Mulej, għinna nirgħu lid-dinja bl-imħabba.
**Agħtina l-kuraġġ li nagħmluk preżenti.**

Żommna sħaħ fil-fidi, it-tama u l-imħabba
**biex imħabbtek tkompli tmiss u tfejjaq id-dinja tagħna.**

Nitolbu għall-ħaddiema kollha tas-saħħa u r-riċerkaturi tal-mediċina.
**Bierek ix-xogħol tagħhom biex iżommuna f'saħħitna.**

Nitolbu għal dawk kollha li qed jibku l-għeżież tagħhom: **agħtihom il-faraġ u s-sliem.**

Qalb id-dlam ta' dawn il-jiem
**ħa nkunu dawl u mħabba għal xulxin.**

Agħtina sens qawwi tal-preżenza tiegħek.
**Ħa nkunu ragħajja tajba għal xulxin.**

## Il-Missierna

Iffurmati mit-tagħlim u l-eżempju ta' Ġesù,
ejjew nitolbu:

**Missierna,
li int fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum,
u aħfrilna dnubietna
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
La ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda
eħlisna mid-deni.**

## Talba tal-għeluq

Mulej, Alla,
fil-qawmien ta' Ġesù mill-mewt
inti taqsam magħna l-ħajja tiegħu.
Ibdel id-dlam, il-biża' u l-iżolament tagħna
bil-preżenza tiegħek li tfarraġ,
biex nistgħu nkunu għall-oħrajn
il-preżenza tiegħek, kalma,
kollha mħabba u fejqan.
Bi Kristu Sidna.
**Amen.**

## Barka

Ħa tkun il-barka tiegħek fuqna, o Mulej,
**u ibqa' magħna għal dejjem.**

Immorru fil-paċi ta' Kristu Rxoxt!
**Hallelujah! Hallelujah!**



Produzzjoni ta' Carmelite Communications għal
Il-Karmelitani tal-Awstralja u Timor-Leste
www.carmelites.org.au
@carmelitesAET